

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.7.2008  
KUMM(2008) 406 finali

**IL-ĦAMES RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT  
EWROPEW**

**ħarsa ġenerali ta' l-azzjonijiet ta' difiża kummerċjali tal-pajjiżi terzi kontra l-komunità  
(STATISTIKA SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2007 IŻDA L-KUMMENTARJU DWAR IL-  
KAŻIJET U T-TEST HUWA AĠĠORNAT SA MARZU 2008)**

[SEG(2008)2149]

# IL-ĦAMES RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

ĦARSA ĠENERALI TA' L-AZZJONIJIET TA' DIFIŻA KUMMERĊJALI TAL-PAJJIŻI TERZI KONTRA L-KOMUNITÀ (STATISTIKA SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2007 IŻDA L-KUMMENTARJU DWAR IL-KAŻIJIET U T-TEST HUWA AĠĠORNAT SA MARZU 2008)

## Sommarju eżekuttiv

L-għadd ta' miżuri ta' difiża kummerċjali fis-seħħ kontra l-UE fi tmiem l-2007 żdiedu xi ftit meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Dawn il-miżuri huma prinċipalment ta' l-anti-dumping, iżda l-użu ta' l-istrument ta' salvagwardja qiegħed dejjem jżdied. Il-Kummissjoni ssuktat tissorvelja mill-qrib din l-attività, biex tipprovi l-għajnuna lill-industrija ta' l-UE kkonċernata u biex tintervjeni fejn xieraq. Kien hemm riżultati pożittivi din is-sena iżda l-problemi identifikati fl-imgħoddi għadhom jeżistu u ta' sikwit ixekklu l-aċċess għas-suq bla bżonn għall-esportaturi ta' l-UE. Il-Kummissjoni għalhekk se tissokta b'din l-attività importanti u tintensifika l-kuntatti bilaterali ma' pajjiżi terzi biex tippromwovi żieda fid-dixxiplini fl-użu ta' l-istrumenti ta' difiża kummerċjali.

### 1. INTRODUZZJONI

Filwaqt li l-għadd ta' miżuri fis-seħħ kontra l-UE jew l-Istati Membri tagħha kienu qed jitolgħu u jinżlu matul dawn l-aħħar snin, mhux biss it-tħassib relatat ma' l-użu xieraq tagħhom baqa' l-istess iżda tfaċċaw problemi ġodda aktar reċentement. L-UE tuża l-istrumenti ta' difiża kummerċjali u tirrikonoxxi d-dritt tal-pajjiżi terzi li jużawhom ukoll. Madankollu, l-esperjenza turi li, f'ħafna każijiet, l-istandards użati mill-pajjiżi terzi meta' dawn jużaw l-istrumenti mhumiex dejjem xierqa u l-miżuri li jirriżultaw mhumiex dejjem konformi mar-rekwiżiti legali tad-WTO.

Il-ħtieġa li tiġi nfurzata l-kompetittività ta' l-UE fis-swieq dinjija hija waħda mill-għanijiet ewlenin tal-politika Kummerċjali tal-Kummissjoni. Miżuri ta' difiża kummerċjali mhux mixtieqa joħolqu xkiel għall-aċċess leġittimu tas-suq għall-esportaturi tagħna u l-għan tal-Kummissjoni għalhekk huwa li tevita li miżuri bħal dawn jiddaħħlu minn pajjiżi terzi, jew, li ta' l-anqas, tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv tagħhom.

Il-Kummissjoni għalhekk tkompli tintervjeni kemm jista' jkun f'każijiet individwali filwaqt li żżomm djalogo u kuntatti bilaterali ma' l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi biex tippromwovi l-ogħla standards fl-użu ta' l-istrumenti, simili għal dawk applikati mill-Kummissjoni fil-prattika tagħha stess.

Ir-rapporti ta' qabel kienu jenfasizzaw il-ħtieġa li l-azzjonijiet tal-pajjiżi terzi jkomplu jiġu sorveljati u li tibqa' tingħata għajnuna teknika lill-industriji kkonċernati. Ix-xejriet u l-iżviluppi ta' din is-sena ċertament jikkonfermaw dan, b'mod partikolari meta jitqiesu r-riżultati pożittivi li nkisbu dan l-aħħar. L-Istati Membri u l-industriji diġà għamluha ċara ħafna li huma qed jistrieħu fuq il-ħidma u l-appoġġ tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

### 2. XEJRIET ĠENERALI

Fi tmiem l-2007 kien hemm total ta' 147 miżura ta' difiża kummerċjali stipulati kontra l-Komunità Ewropea jew l-Istati Membri tagħha. Din iċ-ċifra kienet ta' 143 fi tmiem l-2006.

Filwaqt li l-għadd ta' miżuri stipulati segwew xejra ta' tnaqqis f'dawn l-aħħar tliet snin sa l-2006, dawn żiedu għall-ewwel darba fl-2007 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Dan għandu madankollu jitqies fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni li seħħ f'Jannar 2007. F'dan il-kuntest, id-disa' miżuri li l-pajjiżi terzi kienu diġà stipulaw kontra r-Rumanija u l-Bulgarija qabel it-tkabbir, issa għew inklużi fl-istatistika. Kien hemm total ta' 23 miżura għdida fl-2007 (14 li kienu provviżorji jew definittivi u 9 li rriżultaw mit-tkabbir) filwaqt li fl-istess ħin, 19-il miżura skadew jew tħassru.

Fir-rigward ta' **l-użu ta' ta' strumenti varji ta' difiża kummerċjali**, l-anti-dumping għadhom jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-miżuri, jiġifieri madwar żewġ terzi tal-miżuri stabbiliti. Simili għas-snin ta' qabel l-għadd ta' miżuri kumpensatorji qed jonqos, iżda d-disintegrazzjoni tal-miżuri stipulati turi għal darb'oħra żieda fl-għadd ta' miżuri ta' salvagwardja, minn 32 fl-2006 għal 36 fl-2007. Dawn il-miżuri issa jirrappreżentaw 25 % tal-miżuri ġenerali stabbiliti.

Billi l-miżuri ta' salvagwardja huma imposti fuq bażi *erga-omnes*, huma jaffettwaw l-esportaturi tal-KE, anki meta l-esportazzjonijiet tagħhom ma joħlqu l-ebda problema għall-industrija lokali tal-pajjiż li qed timponi l-miżuri. Il-Kummissjoni għalhekk tkompli tapplika pressjoni lill-utenti tas-salvagwardji biex jużawhom b'aktar ċirkuspezzjoni filwaqt li jagħmlu kull sforz biex inaqqsu għall-aħħar l-impatt negattiv ta' kull miżura ta' salvagwardja imposta. Filwaqt li interventi bħal dawn kienu ta' suċċess f'xi każijiet, sfortunatament dan ma kienx dejjem il-każ, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri imposti mit-Turkija.

**F'termini ta' pajjiżi**, l-Istati Uniti ta' l-Amerika jibqgħu l-aktar pajjiż li juża l-istrumenti ta' difiża kummerċjali kontra l-KE, b'25 miżura fis-seħħ, jiġifieri kważi 20 % tat-total. Għal ħafna mill-prodotti kkonċernati (eż. l-uranju b'konċentrazzjoni baxxa, l-azzar laminat bis-sħana) il-volumi tal-kummerċ huma sostanzjarji. Il-pajjiżi l-oħra ewlenin huma l-Indja (19-il miżura), il-Brażil (12-il miżura), iċ-Ċina (10 miżuri), l-Ukrajna (10 miżuri), il-Messiku u t-Turkija (9 miżuri kull wieħed).

**L-għadd ta' miżuri ġodda imposti** (provviżorji u definittivi) naqas b'mod sinifikanti, minn 27 fl-2006 għal 18 fl-2007 (inklużi 14-il miżura għdida u 4 miżuri provviżorji diġà imposti fl-2006 iżda kkonfermati definittivament fl-2007). Dan it-tnaqqis huwa spjegat bil-fatt li ċ-Ċina u t-Turkija imponew total ta' 9 miżuri fl-2006 iżda 2 biss fl-2007. Madankollu, filwaqt li ċ-Ċina tabilħaqq naqqset l-attività ġenerali tagħha ta' difiża kummerċjali, it-Turkija baqgħet l-utent importanti, kif spjegat hawn taħt. Simili għas-sena ta' qabel, nofs il-miżuri l-ġodda huma salvagwardji.

Fl-aħħar wara livell għoli fl-2006, l-għadd ta' **inizjazzjonijiet ġodda** fl-2007 waqa' lura għal livell relattivament moderat, minn 28 għal 20 każ għdid. Dan seħħ minħabba li tnedew biss 9 każijiet ta' salvagwardja fl-2007 meta mqabbla ma' 18 fis-sena ta' qabel. Dan huwa żvilupp pożittiv bit-tama li din ix-xejra tkompli.

### 3. XEJRIET SKOND IL-PAJJIŻ

Filwaqt li l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Indja naqqsu l-għadd ta' miżuri tagħhom f'dawn l-aħħar tliet snin, pajjiżi bħall-Brażil, l-Ukrajna, il-Messiku, it-Turkija u r-Russja żiedu l-miżuri tagħhom b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar tliet snin. Filwaqt li dawn il-ħames pajjiżi flimkien kienu responsabbli għal 26 miżura fl-2005, din iċ-ċifra kienet żiedet għal 45 miżura fl-2007.

Fil-każ ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, it-tnaqqis jirriżulta prinċipalment mir-revoka ta' bosta miżuri filwaqt li x-xejra għall-Indja għadha tirrifletti t-tmiem tal-miżuri wara konsultazzjonijiet mad-WTO li jikkonċernaw għadd sostanzjali ta' miżuri. Fir-rigward tar-Russja, l-Ukrajna u t-Turkija, għandu jiġi enfasizzat il-fatt li ż-żieda ta' miżuri tirrelata kważi

esklussivament ma' miżuri ġodda ta' salvagwardja introdotti fl-2007. Fl-aħħar iż-żieda għall-Brażil u l-Messiku turi intensifikazzjoni fl-attività ta' difiża fl-Amerika Latina.

Deskrizzjoni fid-dettall tax-xejriet u tal-każijiet ewlenin għal kull pajjiż terz tingħata fl-anness.

#### **4. PROBLEMI ATTWALI**

Anki jekk sar xi progress b'mod ġenerali, il-Kummissjoni baqgħet tiffaċċja l-istess problemi li hija identifikat fl-imgħoddi. Dan it-tħassib jirrelata prinċipalment ma' l-istandards foqra ta' inizjazzjoni, l-analiżi fqira fir-rigward ta' danni u każwalità u n-nuqqas ta' attenzjoni rigward id-drittijiet ta' difiża tal-partijiet interessati. Dawn kienu spjegati fid-dettall fir-rapporti ta' qabel u għalhekk ma ġewx repetuti f'dan.

L-użu li qed jiżdied tal-miżuri ta' salvagwardja żdied ukoll mal-lista ta' kwistjonijiet is-sena l-oħra, u sfortunatament din tibqa' problema għall-2007. Flimkien ma' dan, problema importanti oħra li nqalgħet kienet li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE l-aktar reċenti għadhom ma nġhatawx awtomatikament l-istatus ta' ekonomija tas-suq fl-investigazzjonijiet ta' l-anti-dumping fl-Arġentina u l-Brażil.

Iż-żewġ kwistjonijiet l-aktar reċenti huma deskritti fid-dettall hawn isfel.

##### **4.1. Użu estensiv ta' miżuri ta' salvagwardja**

L-aħħar snin raw żieda ta' xejra ta' tħassib ta' miżuri ġodda ta' salvagwardja, u dan ġie kkonfermat fl-2007. Tabilħaqq, bejn l-2006 u l-2007, l-għadd ta' miżuri ta' salvagwardja stipulati żdiedu minn 32 għal 36. Waħda minn erba' miżuri ta' difiża kummerċjali fi tmiem l-2007 kienu salvagwardji. Filwaqt li kien hemm inqas każijiet ġodda ta' salvagwardji li tnedew fl-2007 (9 meta mqabbla ma' 18 fl-2006), dawn il-każijiet kienu xorta waħda qed jagħmlu tajjeb għal nofs l-inizjazzjonijiet il-ġodda.

Bosta pajjiżi għadhom iqisu l-istrument bħala mod ħafif u ta' malajr biex jieħdu azzjonijiet kontra l-importazzjonijiet billi, b'kuntrast ma' miżuri anti-dumping jew kontra s-sussidju, ma hemmx għalfejn li jiġi ppruvat xi element mhux ġust ta' fluss ta' kummerċ, iżda "biss" żieda f'daqqa ta' importazzjonijiet li jġibu jew jheddu li jġibu dannu. Il-kundizzjonijiet legali għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja huma madankollu intenzjonalment stretti ħafna, u ħafna iżjed stretti minn daww meħtieġa għall-istrumenti l-oħra ta' difiża kummerċjali, minħabba li dawn il-miżuri jindirizzaw il-kummerċ ħieles aktar milli l-kummerċ inġust. Dawn il-kundizzjonijiet sfortunatament ta' spiss ma jintlaħqux.

Flimkien ma' dan, u aktar importanti minn dan, minħabba fin-natura multilaterali ta' l-istrument, il-miżuri ta' salvagwardja huma imposti kontra l-importazzjonijiet kollha tkun xi tkun l-oriġini, irrispettivament minn jekk dawn humiex il-kawża tal-problemi jew le. B'konsegwenza ta' dan, f'bosta każijiet, l-esportazzjonijiet ta' l-UE ġew affettwati bla mistħoqq mill-miżuri ta' salvagwardja minkejja li jidher ċar li dawn ma huma qed jikkawżaw l-ebda dannu lill-industrija lokali li qed titlob il-protezzjoni. Dawn l-esportaturi huma għalhekk xi drabi penalizzati mingħajr raġuni u l-aċċess tagħhom għas-suq huwa mfixkel mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni valida.

Meta l-problemi huma rrelati ma' importazzjonijiet bi prezz baxx, huwa ta' spiss iktar xieraq li jiġu indirizzati mill-istrument anti-dumping. Anki jekk xi pajjiżi jintroduċi forom ta' miżuri li jindirizzaw speċifikament in-natura u l-oriġini tal-problemi, jiġifieri, l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi, pajjiżi oħra ma jsegwuwx b'mod sistematikament din l-istrateġija. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa għalhekk li tipprowa wkoll tnaqqas, kemm jista' jkun, l-impatt ta' xi miżuri bħal dawn fuq l-esportazzjonijiet ta' l-UE. Madankollu, din mhijiex ħidma faċli billi

ċerti pajjiżi huma inqas lesti minn oħrajn li jimplimentaw miżuri li jkunu jolqtu biss l-oriġini ġenwini tal-problemi.

#### **4.2. Status ta' ekonomija tas-suq ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE**

Matul l-2007 instab li l-Brażil u l-Arġentina baqgħu jittrattaw l-Istati l-Membri l-aktar reċenti ta' l-UE bħala pajjiżi li għadhom ma laħqux l-istatus sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq (SES) fil-qafas ta' l-investigazzjonijiet ta' l-anti-dumping. F'termini prattiċi dan ifisser li awtorità ta' investigazzjoni tuża valur normali sostitut għall-kalkoli ta' dumping. Anki jekk hemm investigazzjoni waħda għaddejja f'dawn iż-żewġ pajjiżi li qed timmira b'mod speċifiku l-Istati Membri l-ġodda, il-Kummissjoni tiegħu dan il-fatt b'serjetà kbira minħabba li huwa inkonċepibbli li l-Istati Membri ta' l-UE ma jkunux meqjusa bħala ekonomiji sħaħ tas-suq. Flimkien ma' dan, mhuwiex aċċettabbli li ċerti Stati Membri ta' l-UE jkunu ttrattati differenti minn oħrajn billi kollha kemm huma adottaw l-*acquis* tal-Komunità.

Il-Kummissjoni għalhekk intervjeniet bil-qawwi biex tikseb soluzzjoni rapida għal din il-kwistjoni. Ingħata tagħrif sostanzjali bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Brażil u l-Arġentina li jikkonċernaw l-SES ta' l-Istati Membri l-ġodda'. Fuq din il-bażi, l-awtoritajiet ta' l-Arġentina u l-Brażil ma għandhomx ikunu aktar f'pożizzjoni li jinvokaw 'raġunijiet tekniċi' bħala skuża għan-nuqqas ta' l-għoti ta' SES lill-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, lill-Ungerija, l-Latvja, l-Litwanja, l-Polonja, r-Rumanija, ir-Repubblika Slovakkja u lis-Slovenja.

Bħala prinċipju, l-Istati Membri kollha ta' l-UE għandhom jiġu ttrattati bħala ekonomiji tas-suq minkejja d-data ta' adeżjoni tagħhom. Mhux biss hija pre-kundizzjoni (bħala parti mill-kriterji ta' adeżjoni) li l-pajjiżi kandidati għandhom ikunu ekonomiji sħaħ tas-suq qabel ma jkunu jistgħu jissieħbu ma' l-UE, iżda għandhom ukoll jadottaw u jimplimentaw l-*acquis communautaire* kollu kemm hu li rregola l-attività ekonomika fl-Istati Membri ta' qabel. Għalhekk, ma jista' jkun hemm l-ebda raġuni legali jew ekonomika li xi Stat Membru ta' l-UE jiġi ttrattat bħala ekonomija fi tranżizzjoni jew bħala ekonomija mhux tas-suq. Il-Kummissjoni qed issegwi din il-kwistjoni b'mod attiv fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha mal-Brażil u l-Arġentina biex tkun tista' tikseb riżultat rapidu pożittiv.

### **5. IL-KISBIET EWLENIN**

Kif diġà deskritt fir-rapport tas-sena l-oħra, huwa meqjus li l-attività tal-Kummissjoni fis-sorveljanza tal-każijiet ta' pajjiżi terzi ċertament kellha xi impatt fuq l-għadd ta' inizjazzjonijiet u miżuri stabbiliti kontra l-KE jew l-Istati Membri, li b'mod ġenerali kienet ilha tonqos tul is-snin.

Flimkien mal-kisbiet konkreti deskritti hawn taħt, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni kattret il-kuntatti tagħha ma' l-industriji kkonċernati minn kwalunkwe investigazzjoni ta' difiża kummerċjali biex b'hekk tagħti għajjnuna, gwida u spjegazzjoni li jikkonċernaw azzjonijiet ta' Pajjiżi Terzi. Dawn il-kuntatti f'ċerti każijiet wasslu għal kooperazzjoni ta' l-industrija ta' l-UE filwaqt li fl-każijiet oħra l-industrija setgħet iddeċidiet li ma tiħux sehem fl-investigazzjoni. F'dawn il-każijiet, anki jekk ma kienx hemm riżultat konkret pożittiv (il-kooperazzjoni hija tabilħaqq pre-rekwiżit importanti), il-Kummissjoni ta' l-inqas assigurat li l-industrija kienet konxja mill-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin u mill-konsegwenzi negattivi possibbli fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni. Is-sehem fl-investigazzjonijiet ta' difiża kummerċjali jibqa' tabilħaqq deċizzjoni ekonomija li għandha tittieħed mill-kumpaniji kkonċernati msejsa fuq konsiderazzjonijiet aktar ġenerali.

Is-suċċessi ewlenin fl-2007 kienu dawn li ġejjin:

### **(1) It-tnaqqis għal żero – revoka ta' miżuri**

Għalkemm diġà kien enfasizzat fir-rapport ta' qabel, għandu jittfakkar li, minħabba l-ħidma intensiva tal-Kummissjoni b'kooperazzjoni ma' l-esportaturi u ma' l-Istati Membri kkonċernati, l-Istati Uniti ta' l-Amerika f'April 2007 implimentaw, għalkemm parzjalment biss, id-deċiżjonijiet tal-panel tad-WTO mitluba mill-Kummissjoni Ewropea (DS294) li jikkonċernaw il-metodoloġija tat-tnaqqis għal żero. Ħafna esportaturi Ewropej raw id-dazji tagħhom anti-dumping kontestati jew jiġu revokati kompletament jew imnaqqsa b'mod sostanzjali.

Sfortunatament mhux il-problemi kollha ssolvew u l-Kummissjoni kellha titlob l-hekk imsejjaħ panel ta' implimentazzjoni billi tqies li l-Istati Uniti ta' l-Amerika ma implimentawx b'mod xieraq id-deċiżjonijiet tal-panel tad-WTO. It-tieni panel tat-tnaqqis għal żero tal-KE kontra l-Istati Uniti (DS350) għadu għaddej.

### **(2) In-nuqqas ta' estensjoni ta' miżuri ta' l-Istati Uniti f'reviżjonijiet ta' skadenza fuq il-prodotti ta' l-azzar**

Kif spjegat hawn fuq, l-akbar esportaturi fl-UE tal-vireg ta' l-azzar li ma jissaddadx diġà raw il-miżuri tagħhom revokati wara l-implimentazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika tad-deċiżjoni tad-WTO dwar it-tnaqqis għal żero. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-industrija kkonċernata, stqarret sussegwentement fi ħdan il-qafas tar-reviżjonijiet ta' skadenza li, b'riżultat ta' dawn ir-revokazzjonijiet, l-ishma tas-suq ta' l-esportaturi li baqa' li għadhom soġġetti għad-dazji kienu ħafna inqas milli fil-volumi inizjali ġenerali, u għalhekk x'aktarx l-ebda dannu materjali ma kien se jsir għall-industrija lokali. Dan l-argument ġie aċċettat u l-Istati Uniti ta' l-Amerika irrevokat il-miżuri anti-dumping u/jew l-ordnijiet kompensattivi fuq il-vireg ta' l-azzar li ma jsaddadx minn Franza, l-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Italja minħabba fl-assenza tal-probabbiltà ta' materjal ta' dannu rikorrenti għall-industrija ta' l-Istati Uniti. Ir-riżultat f'dan il-każ juri għal darb'oħra l-valur ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija tal-KE.

Ir-revoka ta' dawn id-dazji, flimkien mar-revoki fl-2006/2007 tal-miżuri anti-dumping fuq prodotti oħra ta' l-azzar (eż. pjanċi ta' l-azzar maqtugħa skond il-miżura, prodotti laminati ċatti resistenti għall-korrużjoni, tubi għar-riċerka u l-estrazzjoni ta' prodotti taż-żejt), huma żvilupp li jintlaqa' tajjeb ħafna.

### **(3) It-tnaqqis ta' l-għadd ta' miżuri min-naħa ta' l-Indja**

L-għadd ta' miżuri stipulati mill-Indja qed jonqos matul dawn l-aħħar snin b'riżultat ta' reviżjonijiet li kienu ta' suċċess wara l-konsultazzjonijiet tad-WTO mitluba mill-UE. Għall-ftit każijiet fejn ma ntalbet l-ebda reviżjoni, kien mistenni li l-miżuri jitħallew jiskadu wara l-perjodu normali ta' impożizzjoni ta' ħames snin. Sfortunatament l-Indja nediet żewġ reviżjonijiet ta' skadenza (waħda fl-2006 u l-oħra fl-2007) li jikkonċernaw dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni opponiet bil-qawwi dawn l-investigazzjonijiet il-ġodda minħabba li jkun totalment inaċċettabbli li miżuri bħal dawn, li kienu oriġinarjament tqiesu bħala mhux legalment permessi, ikunu jistgħu jiġu estiżi għal ħames snin oħra.

L-intervent tagħna kien ta' suċċess għall-inqas f'każ wieħed. Tabilħaqq, minkejja li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-industrija ta' l-UE, l-Indja kkonkludiet fl-2007 li l-miżura għandha tinżamm għall-pajjiżi kollha kkonċernati mill-investigazzjoni bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw l-UE.

### **(4) It-titjib tad-drittijiet ta' difiża fl-investigazzjonijiet Ċiniżi**

Fir-rapport tas-sena l-oħra ssemma li ċ-Ċina ssoktat bil-problemi tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' trasparenza u l-iżvelar fqir fil-każijiet tagħha. It-trasparenza hija fattur vitali fl-amministrazzjoni ta' l-istrumenti ta' difiża kummerċjali billi hija element li jiżgura d-dritt għad-difiża tal-partijiet interessati. Filwaqt li din il-kwistjoni tqajmet kostantament mill-awtoritajiet Ċiniżi fil-kuntest tal-każijiet individwali, sfortunatament ma ġie nnotat l-ebda titjib prinċipali. Għalhekk din il-kwistjoni reġgħet tqajmet fil-kuntest tal-'Grupp ta' l-Aħjar Prassi' bilaterali li matulu l-amministrazzjoni Ċiniża nġhatat eżempji fid-dettall ta' kif il-KE tittratta dan l-aspett ta' investigazzjonijiet. Iċ-Ċiniżi laqgħu bil-ferħ il-parir tagħna dwar din il-kwistjoni u l-indikazzjonijiet huma li se jtejbu dan l-aspett fil-każijiet tagħhom fil-ġejjieni. Filwaqt li ma hemm l-ebda każijiet għaddejjin miċ-Ċina bħalissa aħna se nissoktaw bis-sorveljanza mill-qrib ta' dan l-aspett fil-proċedimenti futuri u nittamaw li l-kuntatti tagħna bilaterali jagħtu l-frott. Huwa madankollu ta' inkoraġġiment li jissegwew il-kuntatti bilaterali ma' pajjiżi terzi biex jiġu promossi l-istandards għolja tal-KE u li l-pajjiżi terzi jitħeġġu biex japplikawhom ukoll.

#### **(5) Il-qirda u t-tnaqqis ta' l-impatt tal-miżuri meħuda mill-Messiku**

Inkiżbu riżultati pożittivi fil-qafas ta' żewġ investigazzjonijiet konklużi mill-Messiku fl-2007. L-ewwel waħda tikkonċerna investigazzjoni anti-dumping kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti pestiċidi mid-Danimarka. Il-Kummissjoni appoġġjat u għenet b'mod attiv lill-produttur Daniż f'dan il-każ. Il-miżuri provviżorji projbittivi ta' aktar minn 90 % ġew sfidati minħabba raġunijiet ta' kalkolu żbaljat tal-marġini ta' dumping, u wara bosta interventi, il-Messiku fl-aħħar aċċetta l-impenn tal-prezz offrut mill-esportatur Daniż. Anki jekk tmiem ta' investigazzjoni mingħajr l-ebda tip ta' miżuri kien ikun riżultat preferibbli f'dan il-każ, ta' l-inqas ġie mminimizzat l-impatt ekonomiku negattiv filwaqt li l-aċċess għas-suq ġie żgurat. Il-Kummissjoni qed tissokta bis-sorveljanza tagħha mill-qrib ta' dan il-każ billi hemm indikazzjonijiet li l-uniku produttur fil-Messiku jista' jfalli fil-futur qrib, li għalhekk jirrendi kwalunkwe miżura mhux meħtieġa.

It-tieni każ jikkonċerna investigazzjoni anti-dumping kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet iwweldjati mill-Ġermanja. Għalkemm ġiet imposta miżura wkoll f'dan il-każ, il-Kummissjoni intervjeniet b'mod intensiv f'bosta livelli, prinċipalment minħabba fir-raġuni ta' nuqqas ta' evidenza li l-industrija lokali kienet qed tbatu minn xi sfida ta' dannu materjali, kif allegat mill-awtoritajiet Messikani fl-istadju provviżorju. Dawn l-isforzi kienu ta' suċċess u l-Messiku fl-aħħar iddeċieda li jtemm il-każ mingħajr l-impożizzjoni ta' ebda miżura.

Għar-fini ta' kompletezza, għandu jissewma wkoll li l-każ ta' soluzzjoni ta' tilwim tad-WTO li jikkonċerna d-dazji kompensatorji imposti kontra l-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa għadu għaddej. Ir-rapport *interim* li kellu jitressaq sa nofs Mejju 2008 għadu pendent.

#### **(6) L-impatt tal-miżuri ta' salvagwardja**

Għal raġunijiet imsemmija qabel il-Kummissjoni tenfasizza li l-istrument ta' salvagwardja għandu jintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jintuża kontra l-kummerċ ġust, mhux bħad-dazji anti-dumping jew id-dazji kompensatorji, u wkoll billi kwalunkwe miżuri li jirriżultaw għandhom impatt negattiv ukoll għal dawk l-esportaturi li ma jikkawżaw l-ebda dannu. Filwaqt li l-miżuri ma jistgħux jiġu evitati, il-Kummissjoni tippromwovi tipi ta' miżuri li għandhom effett negattiv minimu fuq l-esportaturi ta' l-UE.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kienet ta' suċċess fil-każ dwar it-tliet miżuri ta' salvagwardja imposti mill-Ukrajna fl-2007. Dawn il-miżuri japplikaw biss għall-

importazzjonijiet taħt ċertu prezz, li effettivament ma jikkonċernawx l-esportazzjonijiet ta' l-UE li huma 'l fuq mil-livell tal-prezz.

L-istess suċċess jista' jiġi rrapportat fil-każ tal-miżuri imposti mit-Turkija kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti muturi (motorcycles). Għalkemm miżuri provviżorji taħt il-forma ta' dazju speċifiku għal kull unità ġew imposti fl-istess ħin mat-tneġġija ta' dan il-każ, wara bosta interventi, il-miżuri definittivi introdotti fl-2007 kienu wkoll applikati biss għal importazzjonijiet 'l isfel minn prezz speċifiku ta' importazzjoni. B'riżultat ta' dan l-esportazzjonijiet ta' l-UE ma ġewx affettwati billi l-prezzijiet tagħhom huma, fuq medja, 'l fuq mil-limitu.

Sfurtunament il-Kummissjoni ma kinetx ta' suċċess fil-każijiet kollha. Tabilħaqq, minkejja bosta interventi u diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet Torok, ma seta' jintlaħaq l-ebda riżultat pożittiv f'żewġ każijiet ta' salvagwardja li għalihom kienu imposti dazji aktar kmieni matul l-2008. Dawn il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju speċifiku għal kull unità, li jaffettwa wkoll l-esportazzjonijiet ta' l-UE. Madankollu, dawn il-każijiet kienu qed jimmiraw importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi minn pajjiżi speċifiċi, għajr mill-UE. It-Turkija tissokta tkun waħda mill-utenti ewlenin ta' salvagwardji u l-Kummissjoni qed issegwi l-isforzi tagħha biex tikkonvinċihom jużaw strumenti speċifiċi għall-pajjiż meta jiġu kkważati problemi minn pajjiżi magħrufa biss.

#### **(7) Laħam tal-majjal mill-Awstralja**

Fi tmiem l-2007, l-Awstralja nediet investigazzjoni ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet tal-laħam tal-majjal. Il-bdiewa tal-ħnieżer Awstraljani kienu talbu l-bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' qatgħat iffriżati ta' laħam tal-majjal f'Ottubru 2007 billi kien qed ikollhom diffikultà, minkejja li jikkompetu ma' l-importazzjonijiet ta' biss parti mis-suq tal-laħam tal-majjal. Illum l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u Danimarka biss jilhqnu r-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji biex jespertaw lejn l-Awstralja. Fl-14 ta' Diċembru 2007 u wkoll fl-4 ta' April 2008, l-awtorità ta' investigazzjoni Awstraljana pproponiet li ma jiġux imposti miżuri, billi ma nstabt l-ebda rabta każwali bejn l-importazzjonijiet u l-qagħda diffiċli tal-bdiewa Awstraljani tal-majjal, billi l-kawża ewlenija tad-dannu kienu l-prezzijiet lokali ta' l-għalf (il-produtturi tal-majjal mifruxa mad-dinja, inklużi fl-UE, jiffaċċjaw sitwazzjoni simili). Dan il-każ huwa eżempju ta' koordinazzjoni tajba bejn l-industrija ta' l-UE, ta' l-Istati Membri u l-industrija Komunitarja biex jevitaw l-impożizzjoni ta' miżuri li mhumiex permessi legalment.

### **6. KONKLUŻJONI**

Wara tnaqqis f'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' miżuri kontra l-KE baqa' relattivament stabbli fl-2007. Minħabba l-qagħda ekonomika globali attwali, mhijiex raġjonevoli l-istennija li l-għadd ta' miżuri jistgħu jerġgħu jiżdiedu fil-futur qrib. Tabilħaqq, meta ffaċċjati minn kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli, l-industriji jistgħu jkollhom tendenza akbar li jitolbu miżuri ta' ħarsien.

Il-problemi 'l-antiki' u familjari għadhom preżenti, u qed ifiġġ tħassib ġdid. Għalhekk il-ħtieġa li l-każijiet tal-pajjiżi terzi jiġu sorveljati mill-qrib huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel. Miżuri mhux permessi jipprevjenu lill-esportaturi Komunitarji mill-opportunitajiet kummerċjali tagħhom barra l-pajjiż u joħlqu ostaklu fuq il-kompetittività ta' l-Ewropa. Għalhekk, dawn l-ostakli għall-aċċess għas-suq għandhom jiġu indirizzati sistematikament. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ssegwi l-attività tal-pajjiżi terzi mill-qrib, tkompli tgħin l-industrija kkonċernata ta' l-UE u tintervjeni fejn meħtieġ.

Din is-sena għal darb'oħra wriet li l-isforzi konġunti bejn il-Kummissjoni, l-industriji u l-Istati Membri kkonċernati jżidu ċ-ċans ta' intervent b' suċċess fil-każijiet tal-pajjiżi terzi. Din is-sena nkisbu akkwisti li ta' min wieħed jinnota: f'xi każijiet il-miżuri ġew evitati jew inkella l-impatt negattiv ekonomiku tagħhom fuq l-operaturi tal-Komunità naqas f'xi każijiet oħra. Il-Kummissjoni għandha tkompli tintensifika l-kuntatti tagħha ma' l-industrija u tintervjeni kemm ikun meħtieġ u bl-aktar mod xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tkompli wkoll trawwem il-kuntatti bilaterali tagħha mal-pajjiżi terzi biex ittejjeb id-dixxiplini u tippromwovi standards għolja applikati fl-investigazzjonijiet tagħha stess.